## QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

**Onor. Imħallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Ph.d.**

**Appell Nru: 226/2023**

**Il-Pulizija**

**Vs**

**Steven Baldacchino**

**Illum, 30 ta' Jannar 2024**

Il-Qorti,

Rat l-akkużi dedotti kontra l-appellanti, **Steven Baldacchino** detenur tal-karta tal-identita Maltija **0524091M**, akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli:

Nhar it-3 ta' Ottubru 2022 għall-ħabta ta' 19:00hrs fl-inħawi ta' Wied l-Isqof, fil-limiti tar-Rabat, Malta:

1. Ikkaċċja jew ipprova jikkaċċja, ħa jew ipprova jieħu xi għasfur billi uża metodi, xi tip ta' metodu projbit bl-istess liġi (arma semi-awtomatici jew awtomatici b'kompartament għall-iskrataċ li kapaċi jżomm iżjed minn żewġ tiri ta' munizzjoni) u dan bi ksur ta' Reg.7(1)(k) ta' L.S.549.42;

2. Fl-istess data ħin, lok u ċirkostanzi, biegħ, offra għall-bejgħ, ġarr, kien fil-pusses, ikkaċċja jew uża, importa jew iffabbrika xi skartoċċ b'xi ċomb ta' dijametru aktar minn 3.3mm u dan bi ksur ta' Reg 22 ta' L.S.549.42;

3. Fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi waqt stagun magħluq għall-kaċċa tal-għasafar fuq l-art, ikkaċċja jew ipprova jikkaċċja xi għasfur, ġarr jew ipprova iġorr munizzjoni jew arma tan-nar barra mill-għata tagħha u dan bi ksur ta' Reg 18(1)(a) ta' L.S.549.42;

4. Fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi waqt staġun magħluq ghall-kacca tal-ghasafar minn fuq l-art, ikkaccja jew ipprova jikkaccja ghall-għasafar u dan bi ksur ta' Reg 19(3) ta' L.S.549.42 li jgħid li l-kaċċa tal-għasafar minn fuq l-art għandha tkun permessa mill-1 ta' Settembru ta' kull sena sal-31 ta' Jannar tas-sena li jkun imiss,minn sagħtejn qabel it-tlugħ ix-xemx sa sagħtejn wara li tinsel ix-xemx ta' kull jum mit-Tnejn sas-Sibt u minn sagħtejn qabel tlugħ ix-xemx sas-siegħa ta' wara nofsinhar (13:00hrs) fil-Ħdud u festi pubbliċi, iżda l-kaċċa tal-għasafar minn fuq l-art mill-15 ta' Settembru sas-7 ta' Ottubru ta' kull sena m'għandhiex issir mit-Tnejn sas-Sibt mis-sebgha ta' filgħaxija (19:00hrs) sa sagħtejn qabel tlugħ ix-xemx tal-ġurnata ta' wara.

Il-Qorti kienet ġiet mitluba illi barra li tagħti l-piena ai termini tal-Artikolu 51(9) tal-Kapitolu 480 tal-Liġijiet ta' Malta, ordnat l-konfiska tal-*corpus delicti* u ordnat s-sospensjoni ta' kull liċenzja jew permess maħruġa taħt l-Att dwar l-Armi ai termini tal-Kapitolu 480 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati ( Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali ta' nhar it-22 ta' Mejju ,2023, sabet lill-qua imputat, Steven Baldacchino, ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tiegħu (1 u 2) u konsegwentement ikkundannatu għall-multa ta' elf u mitejn Euro (Eur.1,200) li b'applikazzjoni tal-artikolu 14 tal-Kodiċi Kriminali setgħet titħallas b'rati mensili, l-ewwel pagament għandu jsir fi żmien xahar millum, b'dan illi jekk il-ħati jonqos milli jħallas pagament

wieħed, il-bilanċ jiġi dovut minnufih u jekk dan ma jitħallasx jiġi konvertit fi priġunerija skont il-liġi.

L-ewwel Qorti ordnat il-konfiska tal-*corpus delicti*. L-ewwel Qorti ordnat ukoll s-sospensjoni tal-liċenzja jew permess rilevanti maħruġ taħt ir-regolamenti tal-2006 dwar il-konservazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi għall-perjodu ta' sentejn minn dakinhar.

Rat ir-rikors tal-appell tal-appellant Steven Baldacchino, preżentat fir-reġistru ta' din l-Onorabbli Qorti nhar fis-6 ta' Ġunju ,2023, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex;

- Tirrevoka s-sentenza appellata fl-intier tagħha u konsegwentement tilliberah minn kull ħtija u piena fil-pessima ipoteżi illi l-ewwel aggravju jiġi miċħud tvarja l-piena inflitta għall-waħda li tirrispekkja l-fatti tal-każ odjern.

**L-aggravji huma ċari u manifesti u jikkonsistu fis-segwenti:**

1. **Apprezzament hazin tal-provi**

Illi primarjament mill-provi prodotti minn imkien ma' jirrizulta illi l-appellant kien qieghed jikkaccja fi stagun maghluq jew oltre l-hinijiet permessi mil-Ligi.

Illi minn imkien ma jirrizulta l-anqas illi sar xi ezercizzju minn kwalunkwe espett fil-qasam li seta' jindika l-hxuna ezatt tac-comb jew ahjar minn hekk illi tali comb kien qieghed effitivament jintaza stess illi la-arma instabet gewwa l-lghata taghha,skargata.

Illi mil-prov kollha prodotti, l-prosekuzzjoni l-anqas qatt ma gabet prova li l-appellant effettivament kien spara jew prova jispara.

2. **Piena**

Illi kif diga' gie ritenut diversi drabi,huwa principju ben assodat fil-gurisprudenza penali nostrana, illi mhux in-norma illi l-Qorti tal-Appell Kriminali, tiddisturba id-diskrezjoni tal-ewwel Onorabbli Qorti.

Dan il-princpiju gie rifless f'diversi sentenzi;

Kif ingħad fl-appell Kriminali deciz fis-26 ta' Marzu, 2009 minn din l-Onorabbli Qorti fl-ismijiet **Il-Pulizija (Spt.T.Micallef) vs John Gauci,**mhux normali li din il-Qorti tal-Appell Kriminali li tvarja d-diskrezjoni tal-Ewwel Qorti jekk il-piena erogata tkun tirrientra fil-parametri tal-ligi w ma tkunx manifestament eccessiva. Dan ghax, kif gie ritenut fl-Appell Kriminali (Superjuri): **"Ir-Repubblika ta' Malta vs. Carmen Butler" (26.2.2009):-**"Il-Qorti tal-Appell Kriminali, bhala regola, ma tiddisturbax il-piena erogata mill-Ewwel Qorti,sakemm dik il-piena ma tkunx manifestament sproporzjonata jew sakemm ma jirrizultax li l-Ewwel Qorti tkun naqset milli taghti importanza lil xi aspett partikolari tal-kaz( u anki, possibilment, lil xi cirkostanza sussegwenti ghas-sentenza tal-Ewwel Qorti ) li jkun jincidi b'mod partikolari fuq il-piena). (Ara wkoll "**Ir-Repubblika ta' Malta vs Bernard sive Benny Attard"(20.3.2009)App.Krim.Superjuri)".**

Illi filwaqt illi l-piena imposta hija effettivament fil-parametri madankollu l-appellant ghandu jkun sospiz biss mil-licenzi marbuta mal-kaxxa u mhux tal-insib. Illi dan kollu qieghed isir minghajr pregudizzju ghal-ewwel aggravju u cioe' dak fejn l-appellant qieghed jappella l-apprezzament hazin tal-provi hekk kif prodotti mill-Ewwel Qorti.

Illi wiehed mill-iskopijiet tal-piena huwa li jigi rripristinat it-tessut socjali li jkun gie imcarrat bl-eghmil kriminali ta' dak li jkun. Skop iehor hu li tigi protetta s-socjeta'.Dan l-iskop jitwettaq kemm billi fil-kaz ta' persuni li b'eghmilhom juru li huma ta' minaccja ghas-socjeta' dawn jinzammu nkarccertati w ghalhekk barra mic-cirkolazzjoni, kif ukoll billi, fil-kaz ta' reat gravi, sentenza tibghat messagg car li jservi ta' detterrent generali. Il-Qrati ta' Gustizzja Kriminali dejjem iridu jipprovaw isibu bilanc gust bejn dawn u diversi skopijiet ohra tal-piena.

Rat l-atti tal-kawża.

Semgħet lill-partijeit jittrattaw il-każ u dan fis-seduta tat-8 ta' Jannar 2024.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant.

**Ikkunsidrat.**

Illi l-Qorti eżaminat bir-reqqa l-provi imresqa f'dan il-każ u dan għaliex rat li hemm aggravjiu tal-appellant fis-sens lil-ewwel Qorti għamlet apprezzament ħażin tal-provi meta minn qari tal-verbal datat jirriżulta li l-appellant kien irreġistra ammissjoni fuq l-ewwel u it-tieni akkuża u wara li kien ngħata biżżejjed żmien sabiex jirrikonsidra l-ammissjoni tiegħu dan l-appellant insista li jirreġistra l-ammissjoni tiegħu minkejja li l-ewwel Qorti spejgatlu l-konegwenzi tal-istess fil-presenza tal-avukat difensur tiegħu Dr Alex Miruzzi.

Jirriżulta ukoll minn qari ta' dan il-verbal tat-22 ta' Mejju 2023 (fol. 9) li l-prosekuzzjoni kienet irtirat it-tielet u r-raba akkuża u għalhekk l-Qorti tastjeni mili tieħu konjizzjoni tagħhom.

Jingħad l-ewwel nett illi s-sentenza appellata ngħatat wara ammissjoni inkondizzjonata ta' l-appellant fl-ewwel seduta li fiha deher quddiem l-ewwel Qorti, ammissjoni li bħal ma qalet din il-Qorti kif presjeduta fis-sentenza tagħha fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija v. Jonathan Attard</u>** moghtija fis-26 ta' Mejju 2004[1]:-

> *"Issa fit-termini tal-gurisprudenza ormai kostanti talQrati taghna, meta jkun hemm ammissjoni huwa xi ftit jew wisq odjuz appell minn piena sakemm din tkun tirrientra fil-limiti li tipprefiggi l-ligi. Dan huwa hekk peress illi min jammetti jkun qieghed jassumi rresponsabilita` tad-decizjoni li jkun ha u jirrimetti ruhu ghal kull decizjoni dwar piena li l-Qorti tkun tista' tasal ghaliha. Naturalment dan ma jfissirx li din il-Qorti u Qrati ohra ta' appell ma jidhlux f'ezami akkurat taccirkostanzi kollha biex jaraw jekk il-piena nflitta kenitx eccessiva jew le. Mhuwiex normali pero`, li tigi disturbata d-diskrezzjoni ta' l-Ewwel Qorti jekk ilpiena nflitta tkun tidhol fil-parametri tal-ligi u ma jkun hemm xejn x'jindika li kellha tkun inqas minn dik li tkun inghatat."*

Issa jingħad l-ewwel nett illi fit-termini tal-ġurisprudenza ormai kostanti tal-Qrati tagħna, meta jkun hemm ammissjoni huwa xi ftit jew wisq odjuż appell minn piena

---

[1] Ara wkoll, fost ohrajn, Appelli Kriminali: **<u>The Republic v. Ahmed Ben Taher</u>**, 6 ta' Ottubru 2003; **<u>Ir-Repubblika v. Mohamed Mohamed Abusetta</u>**, 4 ta' Dicembru 2003; **<u>Il-Pulizija v. Emmanuele Magro,</u>** 2 ta' Gunju 2004

sakemm din tkun tirrientra fil-limiti li tipprefiġġi l-liġi. Dan huwa hekk peress illi min jammetti jkun qiegħed jassumi r-responsabilita` tad-deċiżjoni li jkun ħa u jirrimetti ruħu għal kull deċiżjoni dwar piena li l-Qorti tkun tista' tasal għaliha. Naturalment dan ma jfissirx li din il-Qorti u Qrati oħra ta' appell ma jidħlux f'eżami akkurat taċ-ċirkostanzi kollha biex jaraw jekk il-piena nflitta kenitx eċċessiva jew le. M'huwiex normali pero`, li tiġi disturbata d-diskrezzjoni ta' l-Ewwel Qorti jekk il-piena nflitta tkun tidħol fil-parametri tal-liġi u ma jkun hemm xejn x'jindika li kellha tkun inqas minn dik li tkun ingħatat. Ammissjoni bikrija mbagħad mhux bil-fors jew dejjem, jew b'xi forma ta' dritt jew awtomatikament, tissarraf f'riduzzjoni fil-piena (**Il-Pulizija v. David Vella,** 2 ta' Diċembru 2005).

F'appelli ta' dan il-ġeneru, il-ġurisprudenza Maltija hija ċara kristall. Fis-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali, kolleġjalment komposta, fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Serag F. H. Ben Abid** deċiża nhar l-4 ta' Diċembru 2003, intqal is-segwenti : -

> *Issa fit-termini tal-gurisprudenza ormai kostanti tal-Qrati taghna, meta jkun hemm ammissjoni huwa xi ftit jew wisq odjuz appell minn piena sakemm din tirrientra fil-limiti li tipprefiggi l-ligi. Dan huwa hekk peress illi min jammetti jkun qieghed jassumi r-responsabilita` tad-decizjoni li jkun ha u jirrimetti ruhu ghal kull decizjoni dwar piena li l-Qorti tkun tista' tasal ghaliha. Naturalment dan ma jfissirx li din il-Qorti u Qrati ohra ta' appell ma jidhlux f'ezami akkurat tac-cirkostanzi kollha biex jaraw jekk il-piena nflitta kenitx eccessiva jew le. Mhuwiex normali pero`, li tigi disturbata d-diskrezzjoni ta' l-ewwel Qorti jekk il-piena nflitta tkun tidhol fil-parametri tal-ligi u ma jkun hemm xejn x'jindika li kellha tkun inqas minn dik li tkun inghatat.*

Illi għalhekk din ma hiex kwisjtoni li l-ewwel Qorti għamlet apprezzament ħażin kif donnu ried jallega l-appellant fl-ewwel aggravju tiegħu u dan għaliex l-ewwel Qorti għaddiet biex tagħti s-sentenza tagħha wara li l-istess appellant irreġistra ammissjoni inkondizzjonata għalhekk l-ewwel aggravju qed jiġi miċħud.

Dwar it-tieni aggravju jirriżulta li l-appellant qed isostni li l-piena mogħtija mill-ewwel Qorti kienet waħda ħarxa wisq u li din il-Qorti ma missitx ordnat is-sospensjoni tal-liċenzji tiegħu kollha iżda dik relatata mal-isib biss u mhux dik tal-kaċċa ukoll. Illi huwa minnu li fil-ġurisprudenza nostrana speċjalment dik reċenti, ġie stabbilit li huwa indesiderabbli li l-Qorti Superjuri tiddisturba d-diskrezzjoni ta' l-Ewwel Qorti, madanakollu tali diskrezzjoni trid tkun fundata fuq dispożizzjonijiet tal-liġi speċifiċi li jipprovdu l-bażi legali għad-diskrezzjoni applikata mill-Ewwel Qorti. Infatti Fis-sentenza tal-każ **Il-Pulizija vs. Spiru Muscat** l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell presjeduta mill-Onorevoli Imħallef Dr. David Scicluna fil-15 ta' Frar 2012 (255/2011) sostniet:

> *"Issa fit-termini tal-Ġurisprudenza ormai kostanti tal-Qrati tagħna, meta jkun hemm ammissjoni huwa xi ftit jew wisq odjuż appell minn piena sakemm din tkun tirrientra fil-limiti li tiprefiġġi l-liġi. Dan huwa hekk peress illi min jammetti jkun qiegħed jassumi ir-responsabbilita' tad-deċiżjoni li jkun ħa u jirrimetti ruħu għall kull deċiżjoni dwar piena li l-Qorti tkun tista' tasal għaliha......M'huwiex normali pero li tiġi disturbata d-diskrezzjoni ta' l-Ewwel Qorti jekk l-piena nflitta tkun tidħol fil-parametri tal-Liġi u ma jkun hemm xejn x'jindika li kellha tkun inqas minn dik li tkun ingħatat"*

Din il-*forma mentis* tal-Onorabbli Qorti ta' l-Appell Kriminali hija ukoll riflessa f'sentenzi oħra ta' l-istess Qorti fosthom **Il-Pulizija vs. Massimiliano Maurizio** [2], **Il-Pulizija vs. Jeremy James Farrugia**[3] u **Repubblika ta' Malta vs. Eleno sive Lino Bezzina**[4]. Din il-ġurisprudenza ormai ben kristallizzata u aċċettata in linea ta' prinċipju fil-ġurisprudenza tagħna, tgħallimna illi l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell għandha tbiddel u tvarja l-piena inflitta minn l-Ewwel Onorabbli Qorti, fil-każijiet fejn dik il-piena ma tkunx pjenament imsejsa fuq dispożizzjonijiet tal-liġi. Dan il-prinċipju

---

[2] Qorti ta' l-Appell Kriminali (Inferjuri) preseduta mill-Imħallef Joseph Galea Debono fit-13 ta' Novembru 2003

[3] Qorti ta' l-Appell Kriminali, presjeduta mill- Imhallef Joseph Galea Debono fl-14 ta' Ottubru 2003 (155/2003).

[4] Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri) mogħtija fl-24 t'April 2003 (numru 10/1994).

kien ġie ukoll kristallizzat fis-sentenza fil-każ **il-Pulizija vs. Joseph Attard** mogħtija mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell Kriminali presjeduta mill-Imħallef Patrick Vella fis-26 ta' Jannar 2001, fejn il-Qorti qalet li:

> *"Il-Qorti tal-Appell rarament tbiddel il-piena li tkun imponiet l-ewwel Qorti. Dan taghmlu biss meta jkun manifestament evidenti li dik il-Qorti tkun imponiet xi piena mhux kontemplata mill-ligi ghar-reat in ezami, jew tkun xi piena harxa wisq jew sproporzjonata ghal dak li jkun ghamel il-hati, jew tkun xi piena mhux fil-parametri tal-ligi[5]."*

Illi f 'din il-kawza l-appellant ma ressaq l-ebda konsiderazzjoni differenti minn dik li semgħet l-ewwel Qorti u għalhekk ma hemmx raġuni l'għala għandha tiddipartixxi mill-piena mogħtija mill-ewwel Qorti *molto piu* meta tqis li l-piena mogħtija hija waħda li taqa fil-parametri tal-liġi.

Dwar il-kwistjoni tal-iskwlaifika tal-liċenzja tal-kaċċa u nsib jingħad li skond LS 504.71 huwa tassattiv li l-Qorti għandha f'każ ta' ħtija ukoll tordna li l-persuna ħatja tkun skwalifikata milli tottjeni liċenzja taħt dawn ir-regolamenti u għalhekk dan ifisser kull tip ta' liċenzja li toħroġ minn dawn ir-regolamenti kemm dawk tal-insib kif ukoll dawk tal-kaċċa u għalhekk tali aggravju qed jigi ukoll respint.

**Dr Consuelo Scerri Herrera**

**Imhallef**

---

[5] Sottolinear tal-esponent.